# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 81/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Roger Mahlangu**

Seduta tas-26 t'April, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Roger Mahlangu, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 65483M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9 Artikolu 18) fid-9/8/2017, 6/9/17, 4/10/17 u 1/11/2017 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Claire Booker, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu

u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Frar, 2018 li biha fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjoni kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roger Mahlangu, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2018, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet il-htija u tirriformaha in kwantu ghal piena billi timponi piena aktar mita u idoneja;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta mil-piena erogata mil-ewwel Qorti u ghamel rassenja ta' ragunijiet ghaliex ma kellux ikun ikkundannat ghal-piena karceraja;

2. Illi fis-seduta tal-lum, il-kwerelanta ikkonfermat bil-gurament illi mill-ahhar differiment sal lum, l-appellant hallas dak kollu minnu dovut bhala manteniment;

3. Issa, ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabitu hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.